**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 130**

It-Tnejn, 5 ta' Ġunju 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.02 p.m.

Id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela u l-Onor. Julie Zahra kienu skużati.

Il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo u l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**AWGURJU TA' FEJQAN LILL-ISPEAKER**

Id-Deputy Speaker ta l-awgurju ta' fejqan lill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar, f'ismu u f'isem in-naħa tal-Oppożizzjoni u l-Onor. Naomi Cachia f'isimha u f'isem in-naħa tal-Gvern, ingħaqdu mas-sentimenti espressi mid-Deputy Speaker u awguraw fejqan ta' malajr lill-Ispeaker.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 129 li saret fil-31 ta' Mejju 2023 kienu kkonfermati.

**KUNSENS GĦALL-ATTI**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

**Att Nru XVII** – Att tal-2023 dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi; u

**Att Nru XVIII** – Att tal-2023 dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 8792 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1854 Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għas-sena 2022;

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1855 Tabella li turi n-numru ta' impjegati ingaġġati fl-awtoritajiet u entitajiet fid-dekasteru li għalih hu reponsabbli d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9261;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1856 Avviż Legali Nru 115 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1857 Avviż Legali Nru 116 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur;

P.L. 1858 Tabella li turi n-numru ta' permessi maħruġa għal post ta' parkeġġ riservat (kaxxa blu) fis-snin bejn l-2013 u l-2023 maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9019; u

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1859 Tabella li turi l-kompożizzjoni tal-materjal gradat użat għall-istabbilizzazzjoni tal-għoljiet f'Wied Fulija, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9358; u

P.L. 1860 Informazzjoni addizzjonali għall-mistoqsija parlamentari numru 9064 li tkopri 12-il studju lokali maħruġa minn Malta Resources Authority fuq Windfarms li tweġiba għaliha ngħatat fis-seduta 128 tat 30 ta' Mejju 2023:
Dok 01 – Offshore Wind Resource potential Malta – May 2005;
Dok 02 – Offshore Wind Resource potential Malta – Annexes – May 2005;
Dok 03 – Strategy for Renewable Electricity Exploitation in Malta – July 2005;
Dok 04 – Strategy for Renewable Electricity Exploitation in Malta – August 2005;
Dok 05 – Evaluation of the Suitability Aspects of a Deepwater Offshore site for wind power generation – August 2005;
Dok 06 – An Offshore Wind Farm at is-Sikka l-Bajda;
Dok 07 – Concept for the Implementation of Large Scale Wind Power for the Republic of Malta – August 2008;

Dok 08 – A proposal for an offshore windfarm at is-Sikka l-Bajda – November 2008;
Dok 09 – Feasibility Study for Increasing Renewable Energy Credentials – January 2009;
Dok 10 – Malta Wind Mapping Study – February 2009;
Dok 11 – Legal Landscape Report on the Proposed Offshore Wind Farm Installation – February 2009; u
Dok 12 – Stability Analysis for the Maltese Power System under Integration of a Wind Farm – December 2009.

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1861 Tabella li turi informazzjoni dwar binjiet li huma mikrija lill-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli s-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej maqsuma skont l-entità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8969.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1862 Rapport annwali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) għas-sena 2022.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Bil-permess tal-Kamra, il-Kamra għaddiet għall-Ordnijiet tal-Ġurnata sabiex ikun jista' jitressaq it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) (Abbozz 39) li kien jidher bħala s-sbatax-il item taħt l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**17. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 2) – ABBOZZ NRU 39**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminal (Emenda Nru 2).

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" inqara t-tielet darba u għadda.

**MOZZJONIJIET**

**150. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap. 517" inqara l-ewwel darba.

## 134. RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETÀ – EX EDIBLE OIL SITE

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, ippropona:

**L-Ewwel Parti**

Illi b'att tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta' Frar, 1964, il-Gvern ta' Malta (**il-Gvern**) ikkonċeda b'titolu ta' enfitewsi temporanja porzjon ta' art f'Imgieret limiti ta' Ħal Luqa, b'kejl superfiċjali komplessiv ta' circa tmienja u għoxrin elf, erbgħa mija u disgħa u erbgħin metru kwadru (28,449 mk), kif tidher aħjar maqsuma f'erba' siti mmarkati bl-ittri u numri A, B2, C2 u D2 fil-pjanta PD 2019_0133_4, lill-kumpanija Poultry Products Co Ltd (C525). Il-konċessjoni saret għal disgħa u disgħin sena (99) b'dawk il-kundizzjonijiet u pattijiet inklużi fl-att (l-att enfitewtiku oriġinali) fosthom illi ċ-ċens ikun rivedibbli wara ħamsin (50) sena.

Illi s-sit enfitewtiku ġie diviż u trasferit lil erba' kumpaniji separati u distinti — MOSM Ltd (C 81391), Three MV Ltd (C 43203), Regeneration Projects Ltd (C 79690) u tal-Ħerba Enterprises Ltd (C 89659). Il-porzjon art trasferit lil kull kumpanija hija indikata u mmarkata bħala sit A, sit B2, sit C2 u sit D2 fli-pjanta PD 2019_0133_4.

Illi ċ-ċens ġie rivedut fl-għaxra ta' Frar 2014 għal ħamsa u ħamsin elf ewro kull sena (€55,000.00), skont l-att oriġinali. B'hekk iċ-ċnus proporzjonali għal kull sit trasferit huma €35,651.89 għal sit A, €8,964.00 għal sit B, €4,552.73 għal sit C u €5,831.00 għal sit D.

Illi dawn il-kumpaniji ffurmaw konsorzju msejjaħ '*Regeneration Projects Consortium'* bil-għan illi l-art imsemmija hawn fuq flimkien ma' art oħra adjaċenti (li l-art tas-suġġett tat-tieni parti ta' din ir-riżoluzzjoni hija parti minnha), proprjetà franka u libera tal-istess konsorzju, tal-kejl ta' madwar sittax-il elf metru kwadru (16,000 mk), li kollox flimkien għandhom kejl superfiċjali ta' madwar tlieta u erbgħin elf u ħames mitt metru kwadru (43,500 mk), ikunu żviluppati prinċipalment f'kumpless industrijali u kummerċjali li jinkludi kumpless ta' mħażen, iżda jeskludi dak li hu magħruf bħala '*Logistics Hub*'.

L-imsemmi użu prinċipali permissibbli jista' jkun ikkomplementat b'uffiċini, ażjendi ta' industrija ħafifa, stabbilimenti tal-ikel u xorb, *day care nursery* u postijiet ta' bejgħ bl-imnut. Iżda dawn għandhom dejjem ikunu meqjusa u operati fil-kuntest ta' użu sekondarju fin-natura tal-iżvilupp prinċipali. L-użu prinċipali għandu dejjem jibqa' bħala kumpless industrijali u kummerċjali li jinkludi kumpless ta' mħażen iżda b'ebda mod m'għandu jiżviluppa f'ċentru ta' loġistika skont ir-regolamenti viġenti tal-Ippjanar u l-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u Żvilupp (PSAZ jew SPED).

Illi bis-saħħa ta' dan l-iżvilupp u l-viżjoni tal-konsorzju titkattar u titjieb l-ekonomija in ġenerali tal-pajjiż.

Illi għall-iżvilupp tas-siti lkoll flimkien jirrikjedi finanzjament konsiderevoli li waqt il-fażi inizjali tal-proġett l-konsorzju qiegħed jipproponi li jinvesti sa mhux anqas minn erbgħa u għoxrin miljun u ħames mitt elf ewro (€24.5 miljun). Illi somma sostanzjali minn dan l-investiment huma ntiż sabiex jintużaw għal konsiderazzjonijiet ekoloġiċi u ambjentali, inter alia, tneħħija ta' fdalijiet tossiċi rimanenti mill-attività industrijali preċedenti bħalma huma żjut, kimiċi u asbestos li jinstabu fis-sit enfitewtiku u madwar.

Illi l-proġett huwa propost li jkun żviluppat f'binjiet ta' livelli minn baxx għal medju b'enfasi fuq teknoloġija ħadra avanzzata filwaqt li jiġi rispettat b'sensittività kull wirt kulturali li jista' jinsab fis-sit.

Illi mat-tlestija tal-proġett, li hu stmat li jdum biex jitlesta bejn tnejn u erba' snin mill-ħruġ tal-permessi '*executable'*, ikunu nħolqu mal-mitejn impjieg dirett ta' diversi kategoriji, l-aktar f'dawk li huma meqjusa '*skilled'* sa livell professjonali.

Illi preżentement l-użu permissibbli tas-sit enfitewtiku huwa kontrattwalment kondizzjonat minn klawsoli fl-att oriġinali li jistipulaw li:

*'2. The Company shall use the emphyteutical land exclusively for the industrial purposes described hereafter and for such extension thereof as the Company may from time to time deem expedient.*

*'3. The Company shall set up, equip, maintain and operate in a proper manner on the emphyteutical/ land a poultry breeding farm and shall carry on any activity related to such an enterprise. The farm which shall include a poultry processing plant a blast-freezing plant for the deep freezing of poultry and an egg-grading station shall be completed and be fully in operation within three years from the date hereof.'.*

Għaldaqstant, huwa kruċjali li biex il-proġett ikun jista' jseħħ, il-kundizzjonijiet imsemmija u l-klawsoli relatati magħha jiġu abrogati.

Għaldaqstant, abbażi tal-artikolu 79 tal-istess Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, il-valur għat-tneħħija tal-kundizzjonijiet speċifikati hawn fuq ġie stmat minn tliet Periti ingaġġati mill-Awtorità tal-Artijiet (assistiti minn ditta ta' awdituri).

Illi t-tneħħija tal-kundizzjonijiet ġiet valutata billi titħallas somma ta' darba waħda biss favur il-Gvern ta' żewġ miljuni, erbgħa mija u ħamsa u tmenin elf, mitejn u ħamsa u sittin ewro (€2,485,265).

Illi huwa wkoll evidenti li l-investiment propost jirrekjedi żmien sostanzjali sabiex l-investituri jirrealizzaw is-somom kbar li potenzjalment ikunu ġew investiti. Illi r-rimanenti żmien li fadal mill-enfitewsi temporanja kostitwit bl-att oriġinali tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta' Frar 1964 sal-10 ta' Frar 2063, u ċjoè erbgħin sena oħra (40 sena), ma jiġġustifikax l-investiment propost.

Illi għaldaqstant huwa maħsub illi t-terminu tal-enfitewsi għandu jiġi modifikat biex jiskadi wara ħamsa u sittin sena (65 sena) minn kull att ta' modifika relattiv, b'tali mod illi ċ-ċens attwali jibqa' mhux mittiefes sas-sena elfejn u tlieta u sittin (2063), is-sena tal-iskadenza attwali skont l-att oriġinali tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta' Frar 1964, iżda ssir reviżjoni taċ-ċens fis-sena 2063 abbażi tal-valur frank u liberu ta' dak iż-żmien tas-sit enfitewtiku mhux żviluppat.

**<u>It-Tieni Parti</u>**

Illi art ta' madwar elfejn mija u żewġ metru kwadru (2,102 mk), kif kienet tinstab burdurata safra markata W,X,Y,Z fil-pjanta annessa mal-kuntratt tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta' Frar 1964, kif inhi wkoll deskritta f'klawsola D fl-istess kuntratt tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta' Frar 1964, hawn imsejħa u mmarkata 'Site X' fil-pjanta PD_2019_0133_4, illi hi parti minn art akbar li preċedentement kienet suġġetta għal enfitewsi perpetwa mhux rivedibbli, kostitwit minn terzi (mhux il-Gvern), favur l-Edible Oil Refining Company Limited, illum libera u franka proprjetà privata tal-konsorzju, hija suġġetta għall-kundizzjoni imposta mill-Gvern waqt bejgħ ta' artijiet lill-istess kumpanija Edible Oil Refining Company Limited li jinsabu fil-viċinanzi. L-att ta' dan it-trasferiment ukoll jinsab fl-atti tan-Nutar Anthony Attard, iżda datat 19 ta' Awwissu, 1961.

Illi waqt il-kuntratt ta' bejgħ, il-Gvern ikkondizzjona illi l-art imsemmija (art privata) ma tkunx żviluppata b'ebda bini, dana bħala miżura ta' sigurtà minħabba li l-art *per se* kienet tiffronteġġja dik li f'dak iż-żmien kienet meqjusa bħala triq arterjali. Ta' min jgħid iżda illi llum l-istess triq titqies li hija triq sekondarja.

Illi peress li kull żvilupp illum hu suġġett għall-permess mill-awtorità kompetenti skont ir-regolamenti tal-lppjanar li jinkludu konsultazzjoni dwar maniġġar tat-traffiku, il-kundizzjoni imposta mill-Gvern f'dak iż-żmien tal-att m'għadhiex meħtieġa.

Illi għaldaqstant huwa propost illi l-kundizzjoni odjerna titneħħa limitatament għal dawk il-partijiet mill-art kondizzjonata fl-att tan-Nutar Anthony Attard datat 19 ta' Awwissu, 1961 illi l-konsorzju ppjanaw illi jiżviluppaw għar-raġuni kif spjegat fl-ewwel parti ta' din ir-riżoluzzjoni. L-artijiet huma dawk murija fil-pjanta P.D. 2019_0133_5 - burdurati ħomor u mmarkati A, B u C li għandhom kejl komplessiv ta' *circa* sitt mija u dsatax-il metru kwadru (619 mk).

Hawn ukoll bħalma sar fil-każ tal-ewwel parti ta' din ir-riżoluzzjoni, abbażi tal-artikolu 79 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, il-valur għat-tneħħija tal-kundizzjoni ġie stmat minn tliet Periti ingaġġati mill-Awtorità tal-Artijiet.

Illi l-abbli Periti stmaw it-tneħħija parzjali tal-kundizzjoni imposta fuq l-art odjerna mill-Gvern fis-somma ta' ħames mija u erbgħa u erbgħin elf u seba' mija u għoxrin ewro (€544,720).

**<u>Konklużjoni</u>**

Billi skont id-definizzjoni ta' trasferiment fl-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573), bdil ta' kundizzjoni jikkostitwixxi trasferiment, u

Illi abbażi tal-artikolu 31 (g) B (iii) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) illi taqra hekk:

*31 (g) B (iii) Il-kundizzjonijiet imposti f'kuntratt tal-enfitewsi jistgħu jiġu rinunzjati mill-awtorità kompetenti, jekk kemm-il darba l-enfitewta jħallas kumpens xieraq li jkun għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti biex twarrab dawk il-kundizzjonijiet;*

U billi huwa maħsub fl-artikolu 31, subartikolu (ċ) tat-Taqsima III tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu jistgħu jiġu trasferiti direttament (*jew jista' jsir tibdil ta' xi kundizzjoni*) skont ir-riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment. (*Kliem fil-parentesi miżjud*)

Billi hu maħsub xieraq li t-trasferimenti hawn fuq imsemmija jsiru skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut:

**<u>Għall-Ewwel Parti</u>**

Illi l-kuntratt enfitewtiku temporanju fl-atti tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta' Frar 1964 jiġi modifikat billi:

It-terminu tal-konċessjoni enfitewtika oriġinali jiġi modifikat sabiex jiskadi wara ħamsa u sittin sena (65 sena) mill-att ta' modifika.

Iċ-ċens relattiv għas-sit enfitewtiku, kif rivedut fl-2014 skont l-att oriġinali jibqa' ferm, ċjoè ħamsa u ħamsin elf ewro kull sena (€55,000.00 p.a.) sas-sena 2063. Illi fis-sena 2063 issir reviżjoni taċ-ċens abbażi tal-valur frank u liberu tas-sit enfitewtiku mhux żviluppat f'dak iż-żmien tar-reviżjoni.

Illi l-użu permissibbli tas-sit enfitewtiku jkun modifikat minn dak stipulat fl-att tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta' Frar 1964, kontra ħlas ta' somma ta' darba favur il-Gvern ta' żewġ miljuni, erbgħa mija u ħamsa u tmenin elf, mitejn u ħamsa u sittin ewro (€2,485,265) għall-użu alternattiv permissibbli skont ir-regolamenti tal-Ippjanar viġenti u kif deskritt fl-ewwel parti ta' din ir-riżoluzzjoni.

Dan kollu kif deskritt fl-abbozz ta' kuntratt ta' modifika hawn anness.

**<u>Għat-Tieni Parti</u>**

Illi l-kundizzjoni imposta li ma jkunx hemm żvilupp fuq is-sit immarkat 'X' fil-pjanta annessa PD 2019_0133_4, u kif kienet tidher kulurita safra fil-pjanta annessa mal-att tan-Nutar Anthony Attard datat 19 ta' Awwissu, 1961, tkun parzjalment abrogata - fuq dawk is-siti burdurati ħomor u mmarkati A, B u C fil-pjanta annessa P.D. 2019_0133_5 - kontra s-somma ta' darba favur il-Gvern ta' ħames mija u erbgħa u erbgħin elf u seba' mija u għoxrin ewro (€544,720).

Dan kollu kif deskritt fl-abbozz ta' kuntratt ta' modifika hawn anness.

L-Onor. Alex Muscat issekonda.

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li d-diskussjoni fuq din il-mozzjoni kellha tieħu seduta waħda bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bil-ftuħ u l-għeluq mill-Gvern.

Fil-4.50 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta għal ftit mumenti sakemm il-President tal-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, jirrapporta dwar ħidma tal-Kumitat.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Michael Farrugia, President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, irrapporta li Abbozz Nru 51 - Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja għadda mill-istadju ta' Kumitat mingħajr emendi.

**134. RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETÀ – EX EDIBLE OIL SITE (KONTINWAZZJONI)**

Il-Kamra rriżumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq ir-Riżoluzzjoni dwar Trasferiment ta' Proprjetà – ex Edible Oil site.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Silvio Schembri, l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Alex Muscat u l-Onor. Toni Bezzina.

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1863 Estratt minn *The Malta Property Landscape* maħruġ minn Grant Thornton u Dhalia f'April 2023 li turi Office Rental Price Index fis-snin bejn l-2013 u l-2022.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Toni Bezzina qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1864 *Rapport imħejji abbażi ta' rati fissi ta' interess u inflazzjoni indikati lill-esponenti mill-Awtorità tal-Artijiet* għas-siti fl-arja tal-Imgieret Ħal Luqa, ex-Edible Oil bir-referenza L528/1963 datat 14 ta' Frar 2020; u

P.L. 1865 Appendiċi li juru l-Comparables għal Warehousing Areas.

Meta d-Deputy Speaker, għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta tat-28 ta' Ġunju 2023 skont ftehim milħuq fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2023.

Fis-6.45 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 6 ta' Ġunju 2023, fis-2.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

Mozzjoni għat-Trasferiment ta' art fi Triq l-Imdina f'Ħaż-Żebbuġ

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 20) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 47) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjamenti Kollettivi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Abbozz 51) | Tielet Qari |

| | |
|---|---|
| Estimi ta' Jobsplus għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Patrimonju Malta u Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Riżoluzzjoni Dwar Trasferiment Ta' Proprjetà – Ex Edible Oil Site | Votazzjoni |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Logħob | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Romilda Zarb u mill-Onor. Alex Muscat.

Fis-7.20 p.m. id-Deputy Speaker, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 6 ta' Ġunju 2023, fis-2.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**